MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 483/2002/1

**L-Avukat Antoine Naudi fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju specjali tad-ditta estera Elaflex Italia S. r. l.**

**vs**

**John Abela Ltd**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' April 2003, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Awissu tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Thallas lis-socjeta' attrici estera s-somma ta' tlett elef disa' mija wiehed u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM3,981.52,0), ekwivalenti ghas-somma ta' EUROS 9,381.99 (formalment sal-31 ta' Dicembru tas-sena 2001 denominata fil-munita Mark Germaniz 18,349.57) rapprezentanti danni li soffriet is-socjeta' estera attrici unikament minhabba n-negligenza, in-nuqqas ta' diligenza u ta' esekuzzjoni ta' inkarigu li kien gie moghti lilhom mis-socjeta' estera attrici u liema inkarigu kien gie accettat minghandhom;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-29 ta' April tas-sena 2002 (DOK AN1), dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 7 ta' Mejju tas-sena 2002 (DOK AN2), dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika mal-attur imma l-inkarigu kien ta' Petroleum Services plc ta' 250, Mdina Road, Qormi;

2. Illi l-esponenti qatt ma accetta xi inkarigu minn ghand l-attur;

3. Illi dan il-garr sar skond il-kondizzjonijiet tal-CMR peress li ngarr bit-triq u d-danni jekk jirrizultaw huma limitati skond il-piz tal-konsenja;

4. Illi l-persuni responsabbli ghan-nuqqas ta' diligenza u ta' esekuzzjoni huma l-Petroleum Services plc kif ukoll il-Bank of Valletta plc u l-Malta Post plc li l-esponenti bir-rispett jitlob li ghandhom jigu kjamati in kawza u jirrispondu ghall-azzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Marzu tas-sena 2003 fejn in vista tar-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ordnat lill-partijiet jitrattaw din l-eccezzjoni f'udjenza rizervata ghal dan l-iskop;

Innutat li r-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta naqas li jipprezenta ruhu ghall-udjenza hekk rizervata ghall-imsemmija trattazzjoni preliminari minghajr ma ressaq l-ebda raguni valida fil-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi stante li s-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda raguni in sostenn tar-raba' eccezzjoni minnha sollevata, u in vista ta' l-artikolu 47 u 48 tal-Kap 12 fuq riferiti, tirrespingi l-istess eccezzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza."

B' rikors prezentat fid-9 ta' April 2003 s-socjeta` konvenuta talbet u ottjeniet il-permess biex tappella mill-fuq espost pronunzjament tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif effettivament ghaddiet biex taghmel bl-uniku aggravju illi l-eccezzjoni michuda, ghar-ragunijiet moghtija, hija ta' importanza ghall-ahjar difiza taghha tal-kawza;

Qabel konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju jokkorri li l-Qorti taghmel kummenti brevi riferibilment ghat-twegiba ta' l-appell da parte ta' l-attur *nomine*;

1. Kontra dak pretiz minnu, din il-Qorti ta' revizjoni ma tistax tidhol fil-meritu tal-permess moghti lis-socjeta` appellanti biex tappella fit-termini ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kapitolu 12. Dan kemm ghaliex mid-digriet moghti f' dan is-sens ma tressaq l-ebda appell kif ukoll ghar-raguni li mhux il-kaz li din il-Qorti tissindika l-konsiderazzjoni dwar jekk kienx "ahjar u gust" li l-ewwel Qorti tapprova t-talba ghall-appell mid-digriet moghti qabel is-sentenza definittiva;

2. Lanqas ma hu l-kaz li l-Qorti tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni ghas-sejha fil-kawza tat-terzi specifikati fiha billi din hi materja li se mai jkollha tigi epurata mill-ewwel Qorti kwante volte din il-Qorti tilqa' l-prezenti appell;

L-antecedenti ta' dan l-appell, kif estratti mill-process, huma dawn:-

(1) Skond verbal ta' l-4 ta' Marzu 2003 il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

(2) Fl-udjenza tat-2 ta' April 2003, ghalkemm dehru l-avukat difensur tas-socjeta` attrici u Carmel Abela, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, il-konsulent legali ta' din ta' l-ahhar baqa' ma deherx. Il-kawza ghalhekk giet aggornata ghas-sentenza fuq dik l-eccezzjoni;

(3) Fl-istess jum tat-2 ta' April 2003 is-socjeta` konvenuta pprezentat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza liema talba giet michuda mill-ewwel Qorti b' digriet tat-3 ta' April 2003;

(4) Fid-9 ta' April 2003 giet pronunzjata s-sentenza. L-appell odjern qed isir minn din;

Dan premess, jokkorri, b' introduzzjoni ghall-aggravju, illi jigu registrati dawn l-enuncjazzjonijiet li fi zmenijiet differenti gew pronunzjati mill-Qrati taghna f' kazijiet ta' din ix-xorta:-

(1) "Hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment mizuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika mbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu. Waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, m' ghandux pero` lanqas jidhol u jigi nkoraggit permissivizmu ngustifikat" – "**Francis T. Gera *nomine* -vs- Edward Camilleri *et***", Appell Inferjuri, 14 ta' Frar 1973;

(2) “Mill-provvedimenti tas-COCP l-andament tal-kawza huwa sostanzjalment, avolja mhux assolutament, imholli ghad-diskrezzjoni tal-Qorti. Din il-fakolta` hija soggetta ghall-principji generali tar-raguni prattika; il-grad ta’ din, imbahgad, jiddependi mill-gudikant, fis-sens li hemm massimu u minimu, li bejniethom l-istess raguni prattika, tista’ toxxilla, skond il-personalita` guridika li jipposjedi l-gudikant.” – “**Perit Guido J. Vella -vs- Dr. Emanuel Cefai**”, Appell Civili, 14 ta’ Jannar 1993;

(3) “Il-provvedimenti tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw il-kondotta tal-kawza huma ntizi mhux biss biex jassiguraw smiegh xieraq u gust imma wkoll smiegh bla dewmien u fi zmien xieraq. Il-gustizzja kienet ukoll tirrikjedi li mhux biss d-digriet tal-Qorti dwar il-kondotta tal-kawza kellhom ikunu rigorozament osservati mill-kontendenti imma wkoll li l-hin disponibbli ghas-smiegh tal-kawza, jigi skond kif mill-Qorti deciz utilizzat bir-rispett dovut lejn l-istess Qorti u l-kontroparti.” – “**Theodora Gauci Borda *et* -vs- Frank Borda**”, Appell, 29 ta’ Mejju 2000;

Fermi dawn l-enuncjazzjonijiet, din il-Qorti tifhem illi wara d-digriet moghti tac-cahda ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza hemm il-fatt tal-frustrazzjoni gustifikata tal-gudikant, mghobbi b’ affollament ta’ kawzi, li l-avukat difensur tas-socjeta` konvenuta naqas milli rispettozament u fi zmien tempestiv jitlob lill-Qorti li hu kien ser jassentixxi ruhu mill-kawza f’ dik il-gurnata mhollija appozitament ghat-trattazzjoni tar-raba’ eccezzjoni, u dan ghall-motiv li kien impenjat barra mill-Qorti fil-kampanja elettorali. Fil-verita`, fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kkastigatx lis-socjeta` konvenuta minhabba dak il-motiv izda ghaliex ma ntalabx differiment preventiv u tempestiv, minghajr sorprizi u skond il-korrettezza procedurali. Certament huwa ferm il-boghod anke mill-hsieb ta’ din il-Qorti li b’ xi mod tirrestringi l-liberta ta’ xi parti jew ta’ l-avukat difensur fl-ezercizzju tad-dmir pubbliku li jikkontesta elezzjoni ma’ xi partit politiku tal-ghazla tieghu. Min-naha l-ohra pero` min jaghzel li

jaghmel dan ma jridx jinsa jhares, b' objettivita` u lealta`, lejn ir-rizultanzi processwali u lejn ir-regoli procedurali. Fuq kollox, fir-rispett shih tal-kontroparti fil-kawza u, aktar u aktar, dak tal-Qorti. Din il-Qorti hi certa, minn dak dedott, illi f' dan il-kaz il-qorti nferjuri segwiet skrupolozament id-dettami tal-ligi relattivi ghall-kondotta procedurali tal-kawza;

Dan maghdud, kienet minn dejjem il-fehma ta' din il-Qorti illi parti f' kawza m' ghandhiex titqieghed f' posizzjoni pregudizzjevoli minhabba htijiet jew non-kuranza tar-rapprezentant taghha, u ghalkemm dejjem iffavorit l-osservanza, anke rigoruza, tar-regoli tal-procedura, thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha tkun indulgenti mas-socjeta` appellanti ghar-raguni (u ghal din biss) illi fil-jum imholli ghad-dibattitu fuq ir-raba' eccezzjoni hi ghallanqas kienet rapprezentata fil-kawza minn Carmel Abela. Jista' forsi wkoll jinhass li jkun utli ghall-ahjar andament tal-kawza u ghall-ghola sens ta' gustizzja illi ssir il-kjamata mitluba imma l-meritu ta' dan ghandu f' dan l-istadju jithalla mpregudikat ghall-konsiderazzjoni dwaru mill-ewwel Qorti;

Fl-ahharnett din il-Qorti trid tirregistra b' kumment finali, illi assolutament ma tarax f' hiex ticcentra r-riferenza maghmula fil-parti decizorja tas-sentenza ghall-Artikolu 47 u 48 tal-Kapitolu 12. Dawn l-artikoli jittrattaw mill-aspett tal-gurisdizzjoni tal-qorti nferjuri u ghalhekk *non sequitur* l-applikabilita` taghhom ghall-kaz in ispecje.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa', fis-sens tal-konsiderazzjoni maghmula, l-aggravju procedurali u b' hekk thassar is-sentenza appellata. Tirrimetti l-process lura lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni tar-raba' eccezzjoni u tal-prosegwiment tal-kawza. Fic-cirkostanzi huwa xieraq li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi fuq din l-kwestjoni jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------